

Rikors ippreżentat fit-30 ta' Awissu 2010 — Rubinetterie Teorema vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-370/10)

(2010/C 288/111)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Partijiet

Rikorrenti: Rubinetterie Teorema SpA (Flero (Brescia), l-Italja) (rappreżentanti: R. Cavani, avukat, M. Di Muro, avukat, P. Preda, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet tar-rikorrenti

— tannulla d-deċiżjoni C(2010) 4185 tat-23 ta' Ġunju 2010,

— sussidjarjament, timponi multa simbolika,

— iktar sussidjarjament, tnaqqas sostanzjalment l-ammont, sa fejn jidhrilha l-Qorti Ġenerali, tal-multa stabbilita fid-deċiżjoni,

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Id-deċiżjoni kkontestata fil-kawża preżenti hija l-istess bħal dik fil-kawża T-368/10, Rubinetteria Cisal vs Il-Kummissjoni.

Il-motivi u l-argumenti prinċipali huma simili għal dawk invokati f'din il-kawża.

B'mod partikolari, ir-rikorrenti ssostni:

Il-ksur tad-dritt tad-difiża ta' Teorema u l-invalidità konsegwenti tad-deċiżjoni minħabba:

— dewmien fil-komunikazzjoni tal-akkużi lil Teorema min-naħa tal-Kummissjoni;

— diffikultajiet fl-aċċess għall-fajl u nuqqas ta' proroga adegwata;

Nuqqas ta' akkordju li jkollu bħala għan jew riżultat il-prevenzjoni, ir-restrizzjoni jew id-distorsjoni tal-kompetizzjoni u/jew nuqqas ta' dannu għall-kummerċ Komunitarju; kif ukoll

l-evalwazzjoni żbaljata tal-provi marbuta mal-parteciżzjoni ta' Teorema fil-laqgħat ta' Euroitalia.

Rikors ippreżentat fis-7 ta' Settembru 2010 — Amor vs UASI — Jablonex Group (AMORIKE)

(Kawża T-371/10)

(2010/C 288/112)

Lingwa tar-rikors: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: Amor GmbH (Obertshausen, il-Ġermanja) (rappreżentant: M. Hartmann, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Jablonex Group a.s. (Jablonec nad Nisou, ir-Repubblika Ċeka)

Talbiet tar-rikorrenti

— tannulla d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni), tal-14 ta' Ġunju 2010, fil-Każ R 619/2009-2;

— tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Applikant għat-trade mark Komunitarja: Jablonex Group a.s.

Trade mark Komunitarja kkonċernata: it-trade mark verbali "AMORIKE" għal prodotti fil-klassijiet 14, 25 u 26

Proprietarju tat-trade mark jew tas-sinjali invokat insostenn tal-oppożizzjoni: ir-rikorrenti

Trade mark jew sinjal invokat insostenn tal-oppożizzjoni: it-trade mark verbali "AMOR" li għandha reġistrazzjoni internazzjonali għal prodotti fil-klassi 14; it-trade mark figurattiva Komunitarja li tinkludi l-element verbali "Amor" għal prodotti fil-klassijiet 14 u 18; it-trade mark figurattiva nazzjonali li tinkludi l-element verbali "Amor" għal prodotti fil-klassi 25; u t-trade mark figurattiva nazzjonali bil-kulur oranjjo, li tinkludi l-element verbali "Amor", għal prodotti fil-klassijiet 9, 14, 18, 35 u 42